# F'għeluq il-160 sena mit-twaqqif tal-Banda Beland (1861-2021)

## Surmastrijiet tal-bidu nett (L-Ewwel Parti)

**Kitba ta' Mro. Manoel Pirotta**
DNESM (Lyon) ġM.A.ħ Dip CNR (Lyon) ġB.A. (Hons.)ħ
Hon VCM LFIBA CT, FVCM (Hons.) FTCL FLCM FNCM LTCL LMusLCM
LMusTCL (Comp.) Ċert. (Qarrej tal-Provi) ġMelit.ħ



F'dawn l-aħħar snin ktibt ħafna fuq Mro. Antonio Miruzzi (1867-1944) fil-ktieb tal-Festa tas-Soċjetà. Dan is-surmast kien il-ħames wieħed li dderieġa lil din il-Banda bejn l-1919-32. Peress li s-sena l-oħra l-Banda Beland għalqet 160 sena ħajja, ħsibt li jkun xieraq jekk inlaqqagħkom mal-erba' surmastrijiet li ġew qabel Miruzzi. Għal din is-sena se nitkellem biss fuq l-ewwel żewġ surmastrijiet: Orazio Diacono (1861-8) u Angelo Mifsud (1868-97), filwaqt li għas-sena d-dieħla se nkun qed nitkellem fuq il-maestri Carlo Diacono (1897-1904), iben Orazio, u Ignazio Catania (1904-1919).

**Qabel il-Banda Beland:** Jingħad li fl-1832, f'dar-raħal diġà kienet teżisti orkestra fiż-Żejtun (Castagna: 'Storja ta' Malta', p.248). Iżda skont Robbie Mifsud Bonnici (RMB), din l-orkestra diġà kienet imwaqqfa qabel id-data msemmija minn ċertu Giovanni Battista Diacono (?-8.xii.1849), li kien ta' nisel Taljan, neguzjant kbir tal-kotnina[1], magħruf f'Malta u fl-Italja, kif ukoll fl-Afrika ta' Fuq. Is-Sur Gio Batta, aktarx hu stess dilettant sew tal-mużika, kien waqqaf minn butu dil-orkestra għad-divertiment tal-poplu. Għall-ħabta tal-1829, Gio Batta niżżel miegħu lil Mro. Michele (jew aħjar, Michelino) De Ferraris (?-?), surmast u kompożitur magħruf Taljan, aktarx minn Milan, 'biex jeħodlu ħsieb dil-orkestra [billi jikkomponi, jirriduċi, jistrumenta u jikkopja għaliha'[2] li kienet taħt il-patroċinju tal-Knisja bħalma kienet dik taż-Żurrieq sa minn qabel l-1805.'[3] RMB ikompli jgħarrafna li s-Sur G.B. Diacono, tat-tajjeb u idu miftuħa: [lil Michelino] tah jgħammar f'dar tiegħu bi ġnien kbir bejn Ħal Għaxak u ż-Żejtun, ħariġlu skud kuljum, ikel frank u flixkun rum fil-ġimgħa[4]'. Ma' dan, RMB iżid jgħidilna wkoll, minn tagħrif li rnexxielu jikseb mill-ġurnali ta' dik il-ħabta, li G.B. Diacono kien ukoll editur tal-ġurnal 'Croce di Malta'.

Rigward imbagħad in-negozju ta' Gio Batta, dan ma setax ma jirnexxix meta minn żewġ nisa, skont il-Kanonku Dun Joe Abela[5], kellu żgur 18-il wild[6]; tnejn inqas mill-familja tal-kompożitur kbir Ġermaniż tal-era Barokka, Johann Sebastian Bach (1685-1750). Dan tal-aħħar ukoll kien iżżewweġ darbtejn wara li l-ewwel mara, Maria Barbara Bach (1684-1720) - li kienet tiġi sekonda kuġina miegħu - tatu sebat ulied qabel mietet qasir il-għomor. Mit-tieni mara, Anna Magdalena Wilcke (1701-60) - hi wkoll mużiċista - l-organista u kompożitur ċelebri kellu 13-il wild ieħor. Min-naħa tiegħu, Gio Batta Diacono kellu sitta mill-ewwel mara, Francesca Busuttil (1766-1811), filwaqt li mit-tieni mara, Katarina Mangion (?-?), kellu tnax oħra. Ħafna kienu l-ulied ta' Bach li mxew fuq il-passi ta' missierhom u għamlu karriera kbira mill-mużika bid-daqq u/jew il-kompożizzjonijiet tagħhom. Mill-banda l-oħra, Orazio hu l-uniku wild ta' Gio Batta Diacono li nafu bih - għax seta' kien hemm oħrajn fost il-ħafna ħutu bniet u subien - li kien mużiċist u kompożitur. Minnu wkoll, li fil-każ taż-żewġ familji Bach u Diacono, ħafna mill-ulied kienu jmutulhom trabi jew qasir il-għomor.

Mal-mewt ta' Gio Batta, f'nofs is-seklu dsatax, l-orkestra beda jieħu ħsiebha ibnu Orazio, li min-naħa tiegħu, flimkien ma' ħuh Giovanni (imwieled fl-1814, ukoll mit-tieni mara ta' Gio Batta) kompla fejn ħalla missieru, sa ma fl-1861, megħjun dejjem minn De Ferraris, ġiet trasformata fil-banda kif nafuha llum. F'waħda miż-żewġ CDs li l-Banda Beland ħarġet fl-2011 insibu xogħol ta' De Ferraris li jġib l-isem ta' 'Passio Doppio Brillante'; dal-marċ brijuż iżżanżan proprju sena wara li twaqqfet uffiċjalment is-Soċjetà bandistika. Iżda skont Debono[7], fl-arkivju tas-Soċjetà nsibu għadd ta' xogħlijiet oħrajn minn tiegħu bħalm'huma: 'quadriglie, polki, galoppi, valzi, cavatina [fi kliem ieħor, mużika ballabli], marċi funebri, sinfoniji [overtures], siltiet minn opri, b'riduzzjoni tiegħu stess, kif ukoll, riduzzjoni għall-banda t'opri sħaħ.' Fost ix-xogħlijiet oriġinali ta' De Ferraris, kemm sagri u profani, li jsemmi Debono fl-artiklu tiegħu, insibu l-Pezzo di musica ideale per banda (1866); Antifona di Sta Catarina a tre voci, ad istrumenti di fiato (1865); Christus (1873), għall-banda wkoll, u li aktarx kienet l-aħħar biċċa xogħol tiegħu hawn Malta.

**Mro. Orazio Diacono** (20.xi.1826-18.vii.1899), iben Gio Batta u Katarina Mangion[8], kien l-ewwel



Mro Orazio Diacono, waqqaf il-Banda Beland fl-1861

surmast tal-Banda Beland [1861-1868] meta din ġiet ittrasformata mill-'Orkestra taż-Żejtun' fl-1860. Kien hu wkoll li ħa ħsieb li tinxtara strumentatura ġdida mill-Italja(9). Skont Debono, Orazio, li kien vjolinist gwapp, aktarx li għamel l-istudji mużikali tiegħu f'Livorno. Iżda, fil-fehma tiegħi, dan ma narahx li kien possibli għall-fatt li, meta tela' Livorno ħdejn ħuh fl-1837, li min-naħa tiegħu kien ġa stabilixxa ruħu bħala negozjant, Orazio kien għad kellu biss 12-il sena.

Skont Debono wkoll, Orazio rritorna f'art twelidu fil-bidu tal-1843, meta allura kellu biss 16-il sena. Min bħali jkun studja f'konservatorju barra minn xtutna jaf biżżejjed li fi spażju t'erba' snin tkun għadek 'il bogħod milli ttemm l-istudji mużikali tiegħek fuq livell professjonali. Iktar jagħmel sens jekk ngħidu, li Orazio tgħallem taħt De Ferraris hawn Malta stess; biss biss iżżewweġ fl-1873 meta diġà kellu 47 sena. Wieħed jista' wkoll jara x'dati jġibu xogħlijietu, jekk dejjem għandhom imniżżel fuqhom, bl-għan li jistabbilixxi kemm seta' kellu żmien bejn wieħed u ieħor meta kitibhom.

Orazio żżewweġ lil Domina Francesca Saveria Darmanin, 18-il sena iżgħar minnu, fiż-Żejtun stess, u minnha kellu tliet ulied: Gio Batta (imsemmi għal nannuh), Carlo u oħthom Carolina, li mietet żgħira. Fiż-Żejtun, il-familja Diacono kienu jsibuha bħala 'Tad-Dispaċċ', għall-iskuna li missieru Gio Batta kellu għall-ġarr tal-qoton. F'waħda miż-żewġ CDs maħruġa mill-Banda Beland fl-2011, insibu marċ brijuż ta' Mro. Orazio Diacono, li jġib l-isem ta' 'Sta. Katarina Zinn, Zinn, Zinn'; liema marċ iżżanżan proprju fl-istess sena li twaqqfet is-Soċjetà, fl-1861. Iżda Orazio ma kitibx biss dan il-marċ, imma wkoll, bħal De Ferraris, ħafna mużika ballabbli, bħal passo doppji, polki, u mażurki, kif ukoll riduzzjonijiet mill-orkestra għall-banda, fosthom l-Innu lil Santa Katarina mill-pinna t'ibnu Carlo stess, fl-età ta' 17-il sena, meta kien għadu bandist mal-Banda 'Beland'. Kiteb ukoll xi marċi funebri. Orazio miet ta' 73 sena wara marda twila, iżda qabel ma miet kellu x-xorti jara lil ibnu jilħaq surmast tal-istess banda mwaqqfa minnu.



Il-familja numeruża ta' Bach waqt it-talb bil-mużika ta' filgħodu (The Encyclpiedia of Music - Hermes House, 2002)

**Mro Angelo Mifsud** (?-?) [1868-1897]: Dwar it-tieni surmast tal-Banda Żejtunija qajla nafu xi ħaġa, u kulma nafu, nafuh lil RMB, fejn jgħid li dan is-surmast, imlaqqam 'Ċirkes': 'ħa taħt idejh dil-Banda, kabbarha, irriformaha u wettqet żewġ programmi fil-Belt fl-4 u l-5 ta' Ġunju, 1870, bi ħlas ta' 30 skud(10).' L-istess awtur jgħarrafna wkoll li 'sal-1887, it-tmexxija tal-Banda u ċ-Ċirkolu kienet f'idejn is-surmast direttur biss billi aktarx kien ikun hu l-promotur u l-organizzatur tal-Banda u tal-Każin...(11)' Tant hu hekk, li fi żmien Mro. Orazio Diacono, li kien president u surmast tal-banda fl-istess ħin, il-provi kienu jsiru f'daru stess f'Misraħ Girgor Bonici. Meta l-Banda għaddiet f'idejn Mro Angelo Mifsud ukoll, is-sede tas-Soċjetà kienet f'daru fi Triq San Ġorġ, ħdejn il-knisja Normanna tas-Salvatur, sakemm imbagħad, fl-1887, inkera post fi Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill u ġarret hemm. Is-Soċjetà ilha fil-palazz ta' Misraħ ir-Repubblika sa mill-1900, fejn għadha tgħammar hemmhekk sal-ġurnata tal-lum. Fil-każ ta' Mro. Angelo Mifsud, l-istess bħal ta' qablu, dan dam 11-il sena president bejn l-1868 u l-1887 u surmast għal għaxar snin oħra sal-1897, meta mbagħad laħaq minfloku Mro. Carlo Diacono, li jiġi l-iben il-fustani t'Orazio.

F'waħda miż-żewġ CDs li l-Banda Beland ħarġet fl-2011: 'B'Serjetà u Dinjità - Seklu u Nofs ta' Marċi Brijużi', insibu xogħol ta' Mro. Angelo Mifsud bl-isem ta' 'Marcia Brillante No. 5' li kitbu fl-istess sena meta ħa l-bakketta minn idejn Mro. Orazio Diacono fl-1868.

L-artiklu qed jitwassal lill-qarrejja Żwieten fl-okkażjoni tal-festa titulari ta' Santa Katarina li ta' kull sena tiġi solennement iċċelebrata fiż-Żejtun.

Aktar artikli mill-istess awtur jinsabu fuq OAR@UoM (https://www.um.edu.mt/library/oar/)


Riferenzi:
Abela Ruben (editur): 'Għamlulna Ġieħ - Carlo Diacono' (1876-1942)' (Wirt iż-Żejtun, 2017)
Debono Charles: 'Mro Michelino DeFerraris ñ Riformatur tal-Orkestra u Kofundatur tal-Banda' (Programm tal-festa tal-Banda 'Beland', 2000)
Debono Charles: 'Mitt Sena Ilu Miet il-Fundatur tal-Banda Beland - Orazio Diacono' (Għaqda Mużikali Beland, Festa Santa Katerina, Ġunju 1999).
Mifsud Bonnici Robert: 'Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex', Vol. 1 (Giov. Muscat, 1956)


(1) Drapp b'saħtu tal-qlugħ; għażel ismar ħaxxun; xorta ta' luna/kanvas. (MSI: 'Dizzjunarju Malti')
(2) Debono Charles: 'Mro. Michelino DeFerraris'.
(3) RMB: 'Ġrajja ta' Baned f'Malta u Għawdex, Vol. 1, p.40 (Giov. Muscat, 1956).
(4) Ibid.
(5) Għamlulna Ġieħ: Carlo Diacono (1876-1942)', pp. 10-11.
(6) RMB jgħid li kellu 21 wild.
(7) Debono Charles: 'Mitt Sena Ilu ...'.
(8) Din kienet it-tieni mara tiegħu wara li l-ewwel waħda, Francesca Busuttil min-Nadur, Għawdex, mietet qasir il-għomor.
(9) Debono Charles: 'Mitt Sena Ilu ...'.
(10) Robert Mifsud Bonnici: 'Ġrajja ta' Baned'.
(11) Ibid.